Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 26- It-Tnejn 9 ta' Awissu 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tnejn 9 ta' Awissu 2021 fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Vici Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**26.1 Talba**

26.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

## 26.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

26.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa Plenarja organizzata mir-Regjun Għawdex li attenda għaliha flimkien mal-Kunsilliera. Huwa rrefera għal din il-laqgħa plenarja bħala waħda ferm interessanti fejn wieħed seta' jara il-ħidma tar-Reġjun Għawdex fejn b'mod partikolari spikka l-impenn kolletiv tal-Kunsilli Ghawdxin kontra l-iżvilupp eċċessiv.

26.4.2 Is-Sindku għamel referenza għall-ħaddiem ġdid li ġie assenjat mal-Kunsill tagħna taħt l-iskema CWESF. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għax jidher li huwa ħaddiem utli ħafna u li jieħu nteress. Sar qbil ukoll li jekk ikun hemm opportunita' ta' xi korsijiet għandna nipprovduhomlu.

26.4.3 Is-Sindku rrefera b'mod pożittiv għan-notifika li rċieva l-Kunsill mingħand Transport Malta u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali li b'effett minn nhar it-Tnejn 9 t'Awwissu 2021, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta se tkun qegħda tawtorizza b'mod ġenerali lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jagħmlu sinjali ta' parkeġġi bojod, sinjali mal-ġnub tal-garaxxijiet u sinjali sofor mal-kantunieri tat-triq mingħajr il-ħtieġa li tintalab l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita`."

26.4.4 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-kuntratt tal-knis il-ġdid inbeda u sfortunatament bdejna bil-problemi mal-kuntrattur peress li m'għamilx x-xogħol u servizz mixtieq. Is-Sindku nforma li mal-ewwel bgħatnielu ittra bħala l-ewwel *warning* fejn sħaqna li għandu strettament jimxi mal-kuntratt.

26.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi ippropona li għandna niksu l-entratura li tagħti għall-grawnd tal-Football bil-Mosaic biex

inkomplu nsebbħu l-open spaces. Il-Kunsill qabel mal-proposta u li għandna nipproċedu.

26.4.6 Is-Sindku għamel refernza għal-laqgħa li ser ikollu għada mas-Supretendent tal-Pulizija. Waqt il-laqgħa ser jiġu diskussi fost oħrajn il-festa tal-lokal u t-traffiku lejn il-vapur.

26.4.7 Is-Sindku rrefera għall-għeluq ta' Triq J F de Chambray fil-weekend li fl-opinjoni tiegħu ntlaqghet tajjeb ħafna. Huwa spjega li permezz tal-assistenza tat-*transport officers* it-trasport pubbliku jista jibqa għaddej normali. Il-Kunsillier Teddy Saliba propona li għandna ninstallaw *flickering lights* mall-*barriers.* Ġiet diskussa s-sistema tal-għeluq ta' toroq fil-ġimgha tal-festa. Il-Kunsill qabel li għandha tingħalaq bħas-snin ta' qabel biex titgawda mill-pubbliku.

26.4.8 Is-Sindku għamel referenza għaċ-ċerimonja li attenda għaliha dik tal-kommemorazzjoni ta' Robert Cowley quddiem is-siġra 'Jacaranda' li ġiet iffinanzjata minn niesu b'komemorazzjoni tiegħu u tħawwlet wara mewtu fil-Playingfield Amabile Cauchi. Huwa rrefera għaċ-ċerimonja bħala waħda ħelwa fejn kien hemm preżenti familjari u ħbieb u Fr Ken Dimmick.

26.4.9 Is-Sindku nnota b'sodisfazzjon għall-fatt li x-xogħol tat-turf fil-Muzew tas-Subien issa tlesta. Huwa rrefera wkoll għal qbil li lħaqna fil-laqgħat l-imgħoddija li għandna ngħinu lil din l-istituzzjoni billi ngħinuna finanzjarjament. Huwa spjega kif bil-pressjoni li għamilna dwar il-ħtieġa ta' dan il-grawnd, is-soċjeta' aċċettat li tagħmlu. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fil-proġett tal-fencing biex b'hekk ikollhom proġett komplut.

26.4.10 Is-Sindku rrefera għall-għotja ta' kotba għal-librerija minn Dt. Ray Bondin u ċertu kotba ma ġewx aċċettati mil-librerija minħabba l-fatt li ħafna minnhom kienu fuljetti u magazines. Is-Sindku semma' li d-donatur ħassu urtat għax xtaqhom jitpoġġew fil-librerija u jiġu numerati. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi ma' tantx hemm x'jista jsir ħlief li dawn jingħataw lura lil Dr. Bondin jew jingħataw lill-iskola.

26.4.11 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-istore l-ġdid tal-kunsill huwa lest u se nibdew nimmuvjaw l-oġġetti mill-istore ta' biswit il-pjazza, minn Ta' Passi u mill-istore tad-daħla tal-iskola għal ġo fih immedjatament. Is-Sindku qal li issa se jkun hemm kollox miġbur f'post wieħed.

26.4.12 Is-Sindku rrefera wkoll għall-fatt li ser tinxtara 'pressure washer' tal-petrol biex b'hekk issa s-sistema ta' tisqija qed tiffunzjona kif mixtieq flimkien mall-pompa u tank u b'hekk inkunu nistgħu naħslu biha diversi postijiet pubbliċi.

26.4.13 Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lill-kunsillier Teddy Saliba talli s'issa dejjem offra li tintuża l-pressure washer tiegħu personali.

## 26.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.5.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għar-risposta li bgħatna lil Malta Filming Commission rigward kollaborazzjoni sabiex nirranġaw il-kmamar ta' Ta' Passi biex eventwalment jintużaw miż-żewg partijiet. Is-Sindku rrefera għar-risk assessment li ġie ordnat għall-post biex inkunu nistgħu nindirizzaw in-nuqqasijiet u l-perikli li jeżistu. Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-arkata tad-daħla u li minn barra li hija ta' eyesore, hija ta' periklu. Sar qbil li għalissa għandna naqilgħu l-parti tan-nofs u nirriNġawha u nħallu biss il-kolonni.

26.5.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ħtiega ta' patching li huwa meħtieg fi Triq Ġużeppi Cauchi peress li hemm ħafna ħofor. Is-Sindku Kevin Cauchi qal li anke bil-kuntratt tal-small patching diċċifli nirranġaw kullimkien u propona li nixtru *plate compactor* għal *patching* simili għal dik li jużaw il-WSC biex ix-xogħol jigi komplut aħjar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

26.5.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa hux ser nagħmlu xi attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku wieġbu li l-unika attivita' organizzata ser tkun il-kunċert tal-banda fil-pjazza u li l-attivita' tirrikjedi ħafna restrizzjonijiet konnessi mal-

Covid 19. Il-Kunsill għalhekk qabel li fiċ-ċirkustanzi ma għandux jorganizza aktar attivitajiet għalissa.

26.5.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura fakkar fl-*approval tar-reserved parking bay* ta' Għajnsielem Street. Is-Segretarja wieġbet li l-applikazzjoni ntbagħtet u qed nistennew minn Transport Malta.

26.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona sabiex jinxtara materjal tal-patching minn kumpanija maltija għax kellu feedback tajba ħafna fuq il-materjal.

26.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-għatx li hawn mill-pubbliku għall-attivitajiet kulturali u sabiex naraw jekk nistgħux norganizzaw xi ħaġa. Is-Sindku wieġbu li fil-preżent għadu mhux faċli li torganizza xi attivita' għax tirrekjedi ħafna regolamenti u prekawzjonijiet.

26.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għar-ringrazzjament li talbu jagħmel f'ismu Loreto Spiteri wara li għamilna r-railing rikjesta minnu fi Triq Ħamri.

26.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera wkoll għar-ringrazzjamenti u kumplimenti li rċieva mill-pubbliku rigward l-installazzjoni ta' bank ġdid fix-Xatt l-Aħmar.

26.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għad-double yellow line żejjed li hemm fi Triq Sant'Antnin. Huwa rrefera għall-ilment minn residenta li għaddejja minn żmien diffiċli u qed issibha diffiċli ħafna minħabba nuqqas ta' parkeġġ. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta u nitolbu li jitnaqqas is-sinjal. Il-Viċi Sindku rrefera għal policy li tista ssir kaxxa temporanja ta' parking għal min ikun għaddej minn żmien diffiċli. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwarha.

26.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għat-talba li ressaqlu resident rigward tkissir ta' parti mill-kurduna biex titranġa mill-ħaddiema tagħna.

26.5.11 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal xi ħmieġ li qed jitħalla fit-triq minn mastrudaxxa fi Triq Raymond Caruana. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħatlu bil-miktub biex jieħu ħsieb inaddfu.

26.5.12 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-problema ta' diżlivell fil-ġenb ta' triq qabel tasal ix-Xatt l-Aħmar qabel id-*divers area*. Is-Sindku Kevin Cauchi wiegbu li din hemm każ pendendi fil-qorti u ma għandniex nidħlu fiha bħala Kunsill.

26.5.13 Il-Kunsillier Stephen Mercieca saħaq sabiex naraw kif nagħmlu biex nibdew il-patching tant meħtieg fil-lokal.

26.5.14 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-ħtieġa sabiex inxarrbu xi ftit il-parti tat-torba fi' Triq Baħħara.

26.5.15 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex ħdejn il-ħeliport fejn jgħallmu l-karozzi ta' minn jiġu nstallati żewg tabelli li jindikaw "Drive slowly -Learning area".

26.5.16 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-biċċiet ta' art fejn hemm it-trailers fi Triq il-Briegħen sabiex jitnaddfu u jinżergħu s-siġar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 26.6 Korrispondenza

26.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand il-JP2 Foundation sabiex nibgħatu navżaw lil-Virtu Ferries u Gozo Fast Ferry biex jippromovu l-kunċert li ser itellgħu fil-knisja nhar is-19 ta' Settembru liema kunċert ser jittella' bil-kollaborazzjoni tal-kunsill.

26.6.2 Ġiet trattat l-ilment mingħand residenta fi Triq Baħħara sabiex jinkines it-trab u żrar li jinsab f'din it-triq wara li ntefgħet it-torba biex titwitta'.

26.6.3 Ġiet trattata email rigward l-ispeeding ta' Triq St. Antnin u t-tħassi tal-individwu hekk kif tinfetaħ it-triq prinċipali tan-Nadur bil-konsegwenza li t-traffiku ser jiżdied. Il-Kunsill huwa konxju dwar dan u żgur li dan is-suġġett irid jiġi

diskuss ma' Transport Malta hekk kif tinfetaħ it-triq il-ġdida.

26.6.4 Ġiet trattata t- talba mingħand resident fi Triq Malta sabiex titranġa bankina quddiem ir-residenza tiegħu.

26.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex isir patching fi Triq Dun Speditu Tabone kantuniera ma' Triq Sant Indrija.

26.6.6 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex titbaxxa r-rampa tal-garage tar-residenza tiegħu peress li tiżloq.

26.6.7 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex navżaw lir-residenti ta' Sea View Court u Belvedere Court 1 fi Triq Ħamri peress li qed joħorġu l-iskart barra mill-ġranet stipulati tal-ġbir tal-iskart jew wara li jgħaddi it-truck. Sar qbil li għandha tintbgħat ittra lil kull residenza f'din il-blokka.

26.6.8 Ġiet trattata t-talba minghand resident sabiex żewg tarġiet li hemm fi Sqaq numru 2 fi Triq Ħamri jsiru rampa biex jkunu jistgħu jitilgħu b'wheelchair.

26.6.9 Ġiet trattata it-talba mingħand l-istess resident sabiex żewġ lampi li hemm fl-isqaq jinbdilu għal dawk rustiċi.

## 26.7 Aġġornament dwar Proġetti

26.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta aġġornament dwar l-istat tal-proġetti pendenti:-

- **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega kif il-madum wasal u beda jitfassal il-Green Canopy biex jinbeda x-xogħol fuqha. Huwa rrefera b'sodisfazzjon għal fatt li wara li applikajna ma' Ambjent Malta għal din il-parti tal-proġett, ingħatajna €24,000. Is-Sindku spjega wkoll kif l-offerta tad-dawl għalaq it-tender u saret l-evalwazzjoni tiegħu u ġie rrakkomdat li tingħata lill-orħos bidder dik ta' Light Solutions.

26.7.2 **Playingfield Gudja** - Is-Sindku spjega kif l-offerta ġiet ippublikata u issa jonqos li jiġi draftjat it-tender għad-dwal tal-post biex ukoll ikun jista' jinħareġ għall-pubbliku.

26.7.3 **Xatt l-Aħmar** - Is-sindku spjega kif għadna qed nistennew sabiex jibda x-xogħol tax-shifting tal-ġebel. Huwa rrefera wkoll għal fatt li fuq talba ġenerali tal-pubbliku żidna bank ieħor f'din il-bajja.

26.7.4 **Hitan tas-Sejjieħ Xatt l-Aħmar** - Is-Sindku għamel referenza għal fatt li t-tender tal-kumplament tal-ħitan fin-niżla tax-Xatt l-Aħmar għalaq, ġie evalwat u rrakkomandat li l-għazla taqa' fuq l-orħos bidder dak ta' Prohs Joseph Gili.

26.7.5 **Librerija** - Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni tal-iżvilupp miexja tajjeb u l-permess mistenni jkun approvat f'Settembru. Bħala bini peress li ma hemmx ħafna xogħol ma jinħtieġ li jinħareġ tender peress li x-xogħol jista jiġi mqassam anke permezz tal-ħaddiema tagħna. Is-Sindku propona wkoll li għandna napplikaw taħt l-iskema tal-LESA għall-kumplament tal-ispejjes ta' dan il-proġett.

26.7.6 Is-Sindku rrefera wkoll li kellna nqabbdu kuntrattur biex jiġu shifted il-pannelli tal-iskola li jinsabu fuq il-librerija fejn ser isir ix-xogħol. Huwa spjega kif inbagħtet ittra lill-iskola sabiex ninfurmawhom b'dan għalkemm bqajna ma rċevejna ebda tip ta risposta lura. Huwa spjega kif ilna ħafna niġru warajom għal dawn l-aħħar sitt xhur u ghalhekk se jkollna nipproċedu għax wara kollox kull ma se jsir huwa shifting ta' pannelli li jinsabu fuq proprjeta tal-kunsill.

26.7.7 **Ta' Bordin** - Is-Sindku rrefera għax-xogħol tar-resurfacing f'din it-triq li huwa kwazi lest u ntlaqa' tajjeb ħafna mill-bdiewa. Sar qbil li għandna nagħmlu talba lil Ministeru għal

Għawdex sabiex jkompli il-bqija tat-triq u noffru li nieħdu ħsieb x-xogħol u spejjeż tal-perit bħala kejl eċċ aħna stess. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku għamel referenza għall-problema ta' leak tal-ilma f'din it-triq li ilu ħiereġ għal diversi ġranet u ma jistgħux jsibu mnejn hu ġej. L-awtoritajiet konċernati qed jagħmlu l-istudji tagħhom dwar din il-problema.

**26.8 Festa 2021**

26.8.1 Is-Sindku Kevin Cauci rrefera għal fatt li minħabba restrizzjonijiet tal-Covid 19 ma' sarux il-festi esterni u anke ma nistghux noħolqu attivitajiet. L-unika attivita' ser tkun il-kunċert tal-banda imtellgha mill-Banda San Guzepp fejn il-Kunsill hawnhekk qabel li jagħti l-għajnuna tiegħu f'din l-attivita.

26.8.2 Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu ħsieb nagħlqu t-toroq tal-Pjazza u l-Pjazza l-qadima fil-jiem tal-festa.

**26.9 Laqgha rigward proġett tal-lukanda f'Kemmuna**

26.9.1 Rachel Xuereb, Direttur tal-kumpanija ADI Associates spjegat li l-kumpanija tagħha għaddejja bil- proċess tal-Impact Assessment konness mal-proġett tal-lukanda ta' Kemmuna u jridu jisimgħu l-opinjoni tagħna. Hija għamlet preżentazzjoni dwar x'ser jkun jikkonssti fih dan il-proġett inkluż l-parti tal-lukanda fil-bajja San Nikolaw u l-villel f'Santa Marija.

26.9.2 Is-Sindku enfasizza li l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li l-public spaces eżistenti jibqgħu miftuħa u aċċessibli għal pubbliku inkluż il-bajja ta' Santa Marija u faċilitajiet tal-madwar. Is-Sindku saħaq wkoll dwar l-importanza li l-faċilitajiet eżistenti jiġu upgraded b'mod partikolari l-lattrini pubbliċi filwaqt li ż-żona tkun aċċessibli għal kulħadd inkluż persuni b'diżabilita.

26.9.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura saħaq dawr il-importanza tal-iskart ġenerat u x' tip ta' waste management ser isir.

26.9.4 Il-kunsillier Teddy Saliba issuġerixxa li ta' min immorru on site u jiġi spjegat eżatt lilna x'ser jiġri fuq il-post. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-proġett għandu jinkludi xi shades/canopies għall-użu ta' kulħadd. Issuġerixxa wkoll li t-tip ta' transport li ser jintuża bejn il-vilel u l-lukanda għandu jieħu in konsiderazzjoni l-persuni bi bzonnijiet speċjali.

26.9.5 Il-kunsill laqgħa b'sodisfazzjon il-fatt li d-drenaġġ issa se jibda wkoll jiġi ttratat grazzi għal dan il-proġett.

## 26.10 Applikazzjonijiet ta' aktar skemi

26.10.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal xi skemi li ħerġin u li ta' min japplika għalihom fosthom dik ta':-

Ambjent Malta - Is-Sinku propona li għandna nappolikaw għal taraġ l-antik ta' Fuq il-Għajn fejn nagħmlu urban greening, irħam u anke ninkludu t-tisqifa ta' fuq l-Għajn. Huwa propona wkoll li għandna naħsbu wkoll għal gradilji tal-ilma għaliex meta tagħmel x-xita qed jinżel ħafna ilma minnu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

26.10.2 EMW Week - Sar qbil li għandna nerġgħu nissottomettu l-istess proġett li applikajna bih sena ilu, dak ta' hydraulic bollards għal Triq J F de Chambray.

26.10.3 Premju Climate Change - Is-Sindku propona li għandna napplikaw għal dan il-Premju wara diversi azzjonijiet li ħadna favur il-ħarsien tal-Climate Change. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 26.11 Konferenza Amppa f'Għawdex – Proġett Interreg Italia-Malta

26.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-fatt li f'Ottubru bejn is-6 u t-8 t'Ottubru għandha tiġi organizzata Steering Commitee Meeting f'Għawdex.

26.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għandna niġbru stimi għas-servizz ta' First Level Control Function Audit Service. Sar qbil li għandna nibgħatu l-istima lill-Accountant tal-Kunsill u accountants oħra.

## 26.12 Approvazzjoni tal-Evaluation Report

26.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-Evaluation Report kif approvat mill- Evaluation Board għall-dawn l-offerti:-

26.12.2 Offerta għas-supply ta' Dwal għall-Proġett ta' Pjazza Tolfa. Il-Bord irrakkommada li l-offerta tingħata lill-orħos bid li kienet eliġibbli dik tal-Light Design Solutions għall-prezz ta' €8718.00. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u li ghandu jipprocedi bl-award.

26.12.3 Offerta tal-ħitan tas-sejjieħ taħt il-Miżura 4.4. Il-Bord irrakkommada li l-offerta tingħata lill-orħos bid li kienet eliġibbli dik tal-Prohs Joseph Gili għall-prezz ta' €49,723.50.Il-Kunsill qabel mar-rakkommandazzjoni tal-Bord u għandu jipproċedi bl-award.

## 26.13 Materji oħra

26.13.1 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex jitwaħħal ir-ritratt tal-kunslliera fis-sala tal-Kunsill.

26.13.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jiġu nstallati żewġ bankijiet fil-bajja taż-Żewwieqa.

## 26.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti

26.14.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 26.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**